MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1553/2003

**Carmel sive Lino Pisani ezercenti fil-kummerc taht l-isem tad-ditta Keramit Bathroom Centre**

**vs**

**Joseph Debono u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2003 giet ordnata is-sostituzzjoni tal-kelma 'Joseph' bil-kelma 'John'**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Awwissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin liri Maltin u sitta u tletin  centezmu (Lm845.36) dovuti in rapprezentanza tal-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsejata lill-konvenut. .

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Lulju 2003 u bl-imghaxijiet legali b'effett mit-22 ta' Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin liri Maltin u sitta u tletin  centezmu (Lm845.36), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prexentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------